# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-15 ta' Marzu 2021**

**Rikors Numru : 302/2020 JPG**

**Kawza Numru : 30**

**GM**

**-vs-**

**RB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' GM datat 11 ta' Settembru 2020 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *ILLI l-partijiet iżżewġu nhar it-tnax ta' Diċembru tas-sena elfejn u wiehed (12.12.2001)* ***ara dok. GM 1****;*

2. *ILLI minn dan iż-żwieġ twieldet tifla wahda u cioe SM nhar X.*

3. *ILLI r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġjijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:*

   i. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-erbatax ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (14.03.2014) in forza ta' kuntratt redatt min-Nutar Pierre Cassar (Ara l-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala '****Dok. GM 2****');*

   ii. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;*

*iii. Illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment;*

4. *ILLI dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u immarkat bħala '***Dok. GM 3***'.*

5. *ILLI għall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1)(a) u (b) qiegħed jiġi rilevat li l-partijiet huma domiċiljati f'Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f'Malta;*

*GĦALDAQSTANT, in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kaptitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:*

1. *TIPPRONUNZJA l-ħall ta' żwieġ li ġie ċelebrat mill-partijiet fit-tnax ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (12.12.2001);*

2. *TORDNA lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata debitament notifikat, dehret mhux assistita fis-seduta tat-2 ta' Frar 2021, u wara li l-Qorti spjegatilha d-drittijiet legali taghha izda hi ddikkjarat illi ma tehtiegx tali assistenza legali u ma topponix ghad-divorzju (vide fol 31);

Rat illi l-avukat difensur tal-attur ddikjarat li l-attur ser ikopri l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri (vide fol 31);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**GM** xehed (vide affidavit a fol 16) illi huwa zzewweg lill-intimata nhar it-12 ta' Dicembru 2001 u li minn dan iz-zwieg kellhom tifla. Ikkonferma illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta separazzjoni nhar l-14 ta' Marzu 2014 in atti tan-Nutar Dr Pierre Cassar. Di piu xehed illi skond il-kuntratt hu jhallas is-somma ta' €300 fix-xahar bhala manteniment ghal-bintu u ma hemm ebda pendenza ta' manteniment Finalment ikkonferma li l-partijiet illum jghixu hajja totalment separata minn xulxin u ma hemm ebda possibbilita ta' rikonciljazzjoni.

**RB xehdet** (vide fol 33 et seqq.) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw***

***għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Dicembru 2001, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 2063/2001 (vide certifikat taz-zwieg Dok GM, a fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, datat 14 ta' Marzu 2014 (vide Dok. GM2 fol 5 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat ukoll illi l-attur kien propens li jhallas l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri (vide fol 31);

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2063/2001 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jithallsu mill-attur.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**